# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 23 ta' Gunju 2020**

Appell numru 202 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Emanuel ELLUL**
**-omissis-**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-3 ta' Lulju 2019 fil-konfront ta' Emanuel ELLUL detentur tal-karta tal-identità bin-numru 770955M, u -omissis- fejn ġew mixlija:

   1. Talli fl-1 ta' Lulju 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda rcivew minghand Anthony Camilleri jew kisbu minn ghandu xi weghda li jinghataw, ghalihom jew ghal ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self,

imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

2. Talli taht l-istess cirkostanzi wrew imgieba li biha kkagunaw biza lil Anthony Camilleri li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew ta' membri tal-familja tieghu.

3. Talli b'hekk huma jitqiesu li saru ricedivi ghat-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew ikkundannati ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Lil Emanuel Ellul wahdu :

4. Talli b'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fil-21 ta' Jannar 2004.

5. Talli b'hekk kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-18 t'Ottubru 2004.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Anthony Camilleri u tal-familjari tieghu, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Emanuel Ellul u -omissis- b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat l-Artikoli 18, 298C(1), 251B(1), 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 261, 267, 278 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta, rat id-dokumenti kollha eżebiti, rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha, stqarret illi :

Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien silef somma lil Anthony Camilleri u lil ibnu bl-uzura, bl-ispedjent jsir li jinzied l-imghax mall-kapital. Id-diffikulta' li ghandha l-Qorti hija kemm kien l-ammont ta' kapital originarjament misluf, ghax fix-xhieda tieghu Anthony Camilleri

jghid li ssellef Lm 12,000, it-tifel tieghu Philip jghid li issellfu Lm 10,000. It-tnejn xehdu li fil-kuntratt tnizzel li kien dovut l-ammont ta' Lm 16,000, meta fil-verita' l-ammont indikat bhala dovut fuq dan il-kuntratt huwa ta' Lm 12,000.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, u specjalment tal-biza li Anthony Camilleri u ibnu Philip ghandhom mill-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li l-iktar verzjoni verosimili hija dik li taha Anthony Camilleri l-ewwel darba li kellem lill-Ispettur Joseph Cordina - u cioe' li kien issellef minghand l-imputat Lm 6000, u l-arrangament kien li kellu jhallas din is-somma shiha u Lm 6000 ohra maghhom bhala imghaxx, total ta' Lm 12,000, b'pagamenti kull gimgha ta' Lm 70. B'hekk is-somma ta' Lm 12,000 fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tigi taghmel sens. Fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti, Anthony Camilleri u ibnu ziedu l-ammont ta' kapital, biex jippruvaw inaqqsu r-rata ta' imghaxx inawdita li kien qed izommilhom l-imputat, minhabba li kienu jibzghu minnu. Fil-fatt, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien sellef is-somma ta' Lm6000 bl-imghaxija bil-mija fil-mija kontra d-dispost tal-Kodici Kriminali, u meta jonqsu minn xi pagament kien imur mhux biss jheddidhom imma anki jsawwathom.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat gew debitament ippruvati.

Rigward it-tielet imputazzjoni u cioe' dik tar-ricediva, din tirrizulta mis-sentenzi esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Ir-raba' mputazzjoni, cioe' dik tal-ksur ta' ordni ta' liberta' kundizzjonata (u mhux ordni ta' probation kif erronjament indikat fic-citazzjoni) tirrizulta mis-sentenza esebita moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fil-21 ta' Jannar 2004, fejn l-imputat kien instab hati ta' serq aggravat bil-valur u bil-mezz. Huwa veru li fic-citazzjoni l-ordni huwa ndikat hazin, pero s-sentenza giet debitament esebita u ghalhekk m'hemm l'ebda ekwivoku ghal liema ordni l-Prosekuzzjoni qed tirreferi f'din l-imputazzjoni.

Il-hames imputazzjoni u cioe' dik li gie kommess reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' sena habs sospiza ghal sentejn, giet debitament ippruvata bis-sentenza esebita ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 t'Ottubru 2004, u bil-fatt li l-imputat instab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-kawza odjerna.'

3. Għal dawk il-motivi l-Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-imputat, sabet lil imputat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet

dedotti kontrih u kkundannatu għall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija kif ukoll multa ta' hmistax il-elf Euro (15,000 Euro) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta setgħet tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u għoxrin Euro (€420), bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja, u ghal dan il-fini r-Registratur ġie ordnat jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'prigunerija bir-rata stabbilita' skond il-liġi.

4. In oltre, in vista tal-fatt li l-Qorti sabet lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni, u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni għal liberazzjoni kundizzjonata tal-21 ta' Jannar 2004 magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ittrattat mall-ħati għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull buon fini kkonfermat il-ħtija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, irrevokat l-ordni għal liberazzjoni kundizzjonata magħmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 278 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lil ħati għal perjodu ulterjuri ta' sena (1) priġunerija effettiva.

Il-Qorti ordnat ukoll ulterjorment ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-piena ta' priġunerija ta' sena sospiża għal sentejn mogħtija b'sentenza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 t'Ottubru 2004 tiġi reża operattiva.

Konsegwentement il-ħati ġie kkundannat għal perjodu globali ta' tlett (3) snin u nofs priġunerija.

5. Illi minn din is-sentenza Emanuel ELLUL interpona appell permezz ta' rikors datat 16 ta' Lulju 2019 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija fit-3 ta' Lulju 2019 fl-istess ismijiet premessi billi tiddikjara lill-esponent mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, u subordinament u bla prejudizzju għat-talba preċedenti, f'każ ta' konferma ta' ħtija 'in toto' jew 'in parte' tapplika piena eħfef u aktar adattata, wara li saħaq is-segwenti: -

> Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti hames (5) aggravji :
>
> 1. L-ewwel aggravju - L-Ewwel Onorabbli Qorti ma messhiex fuq il-provi mressqa, sabet lill-esponent hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih. Meta din l-Onorabbli Qorti tarbel sew il-provi mressqa ghandha ghalhekk tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghaliha.
>
> 2. It-tieni aggravju - L-Ewwel Qorti zbaljat meta sabet lil esponent hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe' dik tar-ricediva.

3. It-tielet aggravju - L-Ewwel Qorti lanqas kellha ssib lill-esponent hati li kiser il-kundizzjonijiet ta' probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fil-21 ta' Jannar 2004.

4. Ir-raba' aggravju - L-Ewwel Qorti ddecidiet hazin ukoll meta kkonkludiet li kienet irrendiet operattiva s-sentenza sospiza tat-18 t'Ottubru 2004.

5. Il-hames aggravju - Illi ghar-rigward tal-piena nflitta, li qed jitressaq subordinament u minghajr prejudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, l-piena totali ta' tlett snin u nofs prigunerija u multa ta' hmistax il-elf Euro (15,000 Euro) hija wisq eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

***Ikkunsidrat: -***

6. Illi nhar il-11 ta' Mejju 2006, il-Pulizija rċevew kwerela mingħand Anthony Camilleri. Huwa saħaq illi kien qed jibża mill-appellant sal-punt illi kien telaq mir-residenza tiegħu u ma kellux fejn joqgħod. Hu kien qed jiġi ppressat biex iħallas l-interessi għal self li kien għamel ma ċertu Leli Ellul, magħruf bħala l-*Beżżgħani*. Mill-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija irriżulta illi madwar tlett snin qabel, il-kwerelant Camilleri kien issellef is-somma kapitali ta' Lm6,000 mingħand l-appellant. Camilleri suppost kellu jħallas Lm6,000 ulterjuri bħala imgħaxijiet fuq il-kapital misluf. Huwa kellu jibda jħallashom b'rati mensili ta' Lm70 fil-ġimgħa sakemm jagħqad is-somma kollha. Dan kien juri li fuq dan l-ammont ta' Lm6,000 l-appellant kien qed jitħallas imgħax ben oltre t-8% skond il-liġi.

7. Mill-investigazzjoni irriżulta li l-kwerelant kien imbeżża' mill-appellant. Camilleri kien safa' vitma ta' epidodju fejn l-appellant kien refa' jdejh fuqu f'aktar minn okkażjoni waħda, ċjoe meta kien imur għall-pagament mingħand Camilleri u meta dan ma kienx ikun f'qagħda jħalsu. Meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa kkonferma li kien sellef ammont ta' flus konsiderevoli lill-appellant. Huwa jgħid li qatt ma sellfu b'imgħaxijiet oltre t-8% għajr għall-okkażżjoni waħda li seħħet qabel is-sena 2001 u dan fuq inizzjattiva ta' Camilleri stess li kien offrilu li jħallsu persentaġġ għola fuq l-ammont ta' flus mislufa minnu.

***Ikkunsidrat: -***

8. Illi bħala Qorti tal-appell kriminali din hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddelx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

9. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

---

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

10. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

11. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

12.Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

13.In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ġurisprudenza kopjuża nostrana fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika***

14. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

15. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

16. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika

---

***ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.

17. L-evidenza indiretta, ċjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

18. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

19. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk

il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

20. Biss din il-konklużjoni l-Qorti tista' tasal għaliha biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni.

21. Fil-ġurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat il-grad ta' sufficjenza probatorja meħtieġ huwa dak *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ; li filwaqt li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, mill-banda l-oħra huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[7] ibid.

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

22. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

23. Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

---

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

24.Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

25.Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni

tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

26. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

27. Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

28. Illi hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lil uħud mix-xiehda jixhdu quddiemha ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati għax tkun rat, semgħet u għexet il-proċess quddiemha. B'hekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu u dan ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

29. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat: -***

30. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex issib ħtija fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant peress li ma kienx hemm biżżejjed provi. L-appellant tenna li sabiex ikun jista' jiġi integrat ir-reat ta' użura, kien determinanti li jiġi stabbilit meta ġie kkunsmat dan ir-reat. L-appellant jgħid li r-reat kien imur lura fi żmien qabel l-1 ta' Mejju 2002 meta l-att ma kienx jikkostitwixxi reat. Inoltre, l-imputazzjonijiet jirreferu għall-1 ta' Lulju 2006 u ż-żminijiet ta' qabel - fejn kwindi ma ngħatatx speċifikazzjoni taż-żmien preċiż dwar meta ġie allegatament kommess ir-reat.

31. L-appellant jisħaq li mill-provi prodotti jirriżulta li l-parte ċivile stess stqarr illi s-self kien sar madwar 5 snin qabel ma kien xehed. Apparti minn hekk kien hemm provi oħrajn li juru li l-imputazzjoni kif miġjuba ma kienet tqarreb xejn mad-data ta' meta filfatt seħħ ir-reat. Jirriżulta in oltre illi l-Prosekuzzjoni f'ebda stadju ma talbet korrezzjoni fl-akkużi.

***Ikkunsidrat : -***

32. Illi jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti tal-Maġistrati emnet il-verżjoni tal-fatti rakkuntata minn Anthony Camilleri u Philip Camilleri u qisithom bħala aktar kredibbli minn dik tal-appellant. Hemm differenza bejn ix-xiehda tal-kwerelant u dik tal-appellant fir-rigward ta' meta seħħ il-ftehim dwar is-self ta' flus bl-użurija. Il-kwerelant Camilleri xehed fil-25 ta' Ġunju 2007, hu jgħid li kien

issellef il-flus mertu ta' dawn il-proċeduri madwar tlett snin qabel. Dan ifisser li l-flus mertu tal-kontenzjoni ġew mislufa għall-ħabta tal-2004, ċjoe fl-istess sena meta, fuq inizjattiva tal-appellant sar il-kuntratt quddiem in-nutar Carbonaro.

33. Ir-referenza illi Camilleri għamel għall-perijodu ta' ħames snin jew aktar speċifikament, sitt snin u nofs, kienet titratta s-self li hu kien ħa mingħand il-ko-imputat fl-istess proċeduri.[11] Kwindi mhux minnu li l-kwerelant Camilleri indika li huwa kien issellef flejjes mingħand l-appellant bl-użurija fi żmien qabel ma din il-prattika saret reat fil-Kodiċi Kriminali. Philip Camilleri imbagħad jgħid li l-flus huma kienu ssilfuhom madwar ħames snin minn meta kien qiegħed jixhed – ċjoe fis-26 ta' Ġunju 2008. Dan ifisser li skont il-verżjoni ta' dawn ix-xiehda – u li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet li temmen kif kellha d-dritt tagħmel – kienet twassal għal żmien fejn il-prattika tal-użura kienet saret reat f'Malta.

34. Huwa veru li fiċ-ċitazzjoni ma ġiex speċifikat żmien partikolari qabel l-1 ta' Lulju 2006. Iżda żgur li dan iż-żmien ma jistax imur oltre ż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni fir-rigward tar-reat imputat. F'dan il-każ jirriżulta li s-self tal-flus ma kienx wieħed magħmul f'daqqa; iżda l-partijiet jaqblu li l-appellant kien silef lill-kwerenat u lill-ibnu ammonti ta' flus fi żminijiet differenti. Mix-xiehda ta' Camilleri l-aktar li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tmur lura kien sas-sena 2003; mentri stando ma dak li xehed l-appellant hija

[11] Ara folio 40 tal-atti proċesswali. Ara wkoll folio 59 fejn in kontro eżami x-xhud iddistingwa bejn l-appellant u l-ko-imputat li kien mixli miegħu għal dak li jirrigwarda l-ammont misluf kif ukoll meta dawn issellfu minnu.

setgħet tmur lura sal-2001. Jidher li l-Qorti tal-Maġistrati, qieset ukoll li dan ir-reat kien kwalifikat bħala reat kontinwat fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. U fi kwalunkwe każ l-appellant ma qajjimx dan il-punt *in limine litis*.

35.Skond il-ġurispurdenza Maltija, inkluż dawk li saret referenza għalihom mill-Qorti tal-Maġistrati, m'hemm l-ebda dubbju dwar il-parametri taż-żmien meta' seħħ ir-reat illi b'xi mod seta' ppreġudika l-pożizzjoni tal-appellant matul il-proċeduri miġjuba kontra tiegħu. Konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tiskarta l-eċċezzjoni tal-imputat relattivament għall-allegata inċertezza tad-data inkriminata.

***Ikkunsidrat : -***

36.Illi kwantu għall-meritu relattiv għar-reat ta' użurija, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha rigward is-self mogħti mill-appellant lill-kwerelant u lill-ibnu u li dan kien jikkwalifika bħala kolpit mill-użurija. Din il-Qorti mhix ser taħli wisq ħin fuq dan il-punt in kwantu l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati kienu ċari u speċifiċi. Il-Qorti tal-Maġistrati emmnet il-verżjoni tal-kwerelant u ibnu u spjegat ukoll għaliex ma emnitx il-verżjoni mogħtija mill-appellant, inkluż il-fatt li l-konteġġi magħmulin skont dak mistqarr minnu fix-xiehda tiegħu hekk kif imqabbla mal-karti tiegħu stess – kemm meħuda mill-librett u kif ukoll minn dak pretiż minnu fl-ittri legali mibgħuta minnu lil Philip

Camilleri – ma kienux jagħmlu wisq sens. U dan b'mod partikolari meta dawn jiġu moqrija fid-dawl tal-ispedjent li jirriżulta mill-adozzjoni tal-att pubbliku tal-kostituzzjoni ta' debitu fejn ġie dikjarat ammont ta' flus li fih kien jinkludi l-elementi tal-interessi.

37. Fid-dawl ta' dawk il-provi il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal li tikkonkludi li, anke jekk il-kwerelant u ibnu ma kienux preċiżi fir-rigward tal-ammonti ta' flus preċiżi li kienu ġew mislufa lilhom mill-appellant – xorta jibqa' l-fatt li l-ammonti ta' flus mislufa lilhom kienu jiġbru fihom element t'użurija, jiġifieri li b'korrispettiv għal dan is-self l-appellant kien irċieva mingħand Anthony Camilleri u ibnu Philip Camilleri wegħda li jingħata imgħaxijiet jew qliegħ ieħor b'eċċess minn dak li hu permess mill-Liġi. Del resto anke l-appellant stess jgħid li kien hemm żmien – skontu qabel dan is-self kristallizzat bil-kuntratt tal-2004 – fejn huwa kien aċċetta li jsellef ammont ta' flus lill-kwerelant b'ammont t'interessi ogħla minn dawk permessi mill-Liġi – għalkemm jgħid li dan kien sar fuq insistenza tal-kwerelant stess. B'hekk din il-Qorti tqis inverosimili li l-appellant, li wera predisposizzjoni li jirrikorri għal din il-prattika, ma applikax l-istess prinċipju anke fir-rigward tal-ammonti li kienu involuti f'dan il-każ ukoll.

38. Din il-Qorti ma għandhiex xi żżid wisq ma dak mistqarr mill-Qorti tal-Maġistrati dwar is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

*Ikkunsidrat : -*

39. Illi kwantu għal dak li jirrigwara t-tieni imputazzjoni din il-Qorti rat ukoll li fix-xiehda tagħhom kemm Anthony Camilleri kif ukoll ibnu Philip Camilleri stqarrew li huma kienu jibżgħu mill-appellant li kien li seta' juża vjolenza fil-konfront tagħhom f'aktar minn okkażjoni waħda. Fil-fatt huma jispjegaw diversi episodji fejn l-appellant wera din il-predisposizzjoni vjolenti fil-konfront tagħhom – senjatament meta huma jew min minnhom kien ikun naqas milli jħallas il-pagamenti lill-appellant. Anthony Camilleri jixhed illi hu kien imbeżżà' mill-appellant sal-punt fejn kien telaq mid-dar biex l-appellant ma jsibux hemm meta jmur ifittxu għall-pagamenti.

40. Għalkemm huwa jirreferi għal inċident fejn kien issawwat mill-appellant qrib il-milied, Camilleri juri li dil-biża ma nħassitx biss f'okkazzjoni waħda iżda fuq medda ta' żmien. Kwindi turi wkoll il-'*course of conduct*' illi hija rikjesta sabiex dan ir-reat jissusisti. Jirriżulta mix-xiehda ta' Anthony Camilleri li l-episodju meta huwa safa' msawwat kien seħħ xi sitt xhur qabel ma kien qed jixhed jiġifieri għall-ħabta tal-Milied tal-2006. Iżda l-problema li l-appellant kien iħossu mbeżżà mill-appellant kienet waħda kostanti tant li meta l-Ispettur Cordina kien imsejjah jinvestiga dan il-każ, huwa kien irċieva rapport li l-appellant kien qiegħed maħrub mid-dar minħabba li kien qiegħed jibża' mill-użuraj. L-Ispettur Cordina

rnexxielu jirrintraċċja u jkellem lil Anthony Camilleri fil-11 ta' Mejju 2007.

41. Philip Camilleri jixhed li huwa kien ġie msawwat mill-appellant madwar tliet snin jew sentejn u nofs minn meta kien xehed fis-26 ta' Ġunju 2008. Dan ifisser li l-bidu tal-biża setgħa seħħ qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XX tas-sena 2005. Madanakollu jirriżulta li dan l-element ta' biża mill-appellant kien baqa' jipperdura anke wara d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

42. Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta wkoll li huwa ma setgħax jiġi misjub ħati tar-reċidiva u dan peress illi l-Prosekuzzjoni m'eżebietx sentenzi in sostenn tal-istess. Ippreżentat biss fotokopja datati fl-2004 b'firma lleġibbli fuqha, li qatt ma ġew awtentikati. Din ma kinitx prova biżżejjed u kwindi l-addebitu kellu jiġi skartat. In oltre l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-identita' tal-appellant *vis-a-vis* dawn is-sentenzi wkoll.

43. Minn qari tal-ġurisprudenza Maltija, jirriżulta li sabiex tiġi ritenuta pruvata r-reċidiva hemm bżonn li tiġi eżebita kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti. Referenza fil-fedina penali biss mhix biżżejjed.

44. Hemm ukoll bżonn li tkun ippruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun imsemmija fis-sentenza preżentata bi prova in reċidiva, ad eżempju, billi jixhed l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża deċiża, jew billi jkun hemm preżentata kopja jew in-numru tal-karta tal-identita, jew dokument uffiċjali ieħor li minnu tista' tiġi stabbilita l-identita tal-ġudikabbli u li jkun jaqbel, jew ikun hemm dokumenti meħuda mill-proċess oriġinali bħal ċertifikat tat-twelid li juru l-konnotati identiċi tal-persuna ġudikata ma dik imputata.

45. Għall-fini tar-reċidiva skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali trid tinġieb ukoll il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata. Din il-prova tista' tkun dokumentarja u b'testimonjanza viva voce tar-Reġistratur.

46. F'kull każ trid tinġieb prova li s-sentenza eżebita in reċidiva kienet saret *res iudicata* – jew billi ma jkunx sar appell jew billi tinġieb prova li l-appell ikun ġie deċiż jew mar deżert. Altrimenti ma jistax ikun li persuna tinsab ħatja li hija reċidiva jekk is-sentenza in reċidiva ma tkunx pruvata finali u definittiva. Din il-prova tista' tkun dokumentarja u b'testimonjanza *viva voce* tar-Reġistratur.

47.F'dan il-każ jirriżulta li fl-atti hemm fotokopja ta' żewġ sentenzi li ma jidhrux li huma iffirmati mid-deputat Reġistratur bil-linka bħala vera kopja tal-oriġinal. F'dan il-każ pero din il-Qorti hija tal-fehma li hemm raġuni għal dan, senjatament is-separazzjoni ta' ġudizzju li sar lejn l-aħħar tal-proċeduri tal-każ kontra l-appellant u dak tal-ko-akkużat li kien hemm fl-istess kawża miegħu. Kif jiġri dejjem f'tali każijiet, issir fotokopja tal-atti kollha sabiex jinħoloq proċess ieħor fejn allura jekk ikunu ġew eżebiti dokumenti jew ikunu nstemgħu ix-xhieda, il-firem tal-ġudikant, tad-deputat reġistratur u tal-esperti, jekk ikun il-każ ikunu jidru fotostatikament fuq l-istess.

48.Meta jiġri hekk, ma jfissirx illi l-prova ma tkunx inġiebet b'mod uffiċjali. Fil-mument li dawn ikunu ġew eżebiti, l-partijiet kollha jkunu preżenti fl-awla matul il-preżentazzjoni uffiċjali tagħhom u b'hekk setgħu ukoll issenjalaw din il-mankanza *in limine litis* – ħaġa li pero ma jirriżultax li sar f'dan il-każ. Infatti s-sentenzi in kwistjoni ġew eżebiti mill-Ispettur Cordina fil-bidu tas-smiegħ tal-provi qabel is-separazzjoni ta' ġudizzju taż-żewġ imputati. Meta wieħed jifli l-kopja fotostatiċi eżebiti jirriżulta li t-timbru tad-Deputat Reġistratur fuqhom juri differenza fit-tipa u fil-kulur tat-timbru u l-firma prodotta fuq l-istess minn mal-kumplament tal-kopja. Dan juri li f'xi stadju kien hemm prova suffiċjenti tal-awtentiċita' ta' dawn is-sentenzi. Biss din il-Qorti tissollecita lir-Reġistratur sabiex meta jsiru każijiet ta' Separazzjoni tal-Ġudizzju issir annotazzjoni speċifika fl-atti li tkun tattesta dan il-fatt, nonche jkun hemm elenku tad-dokumenti li jkunu ġew meħuda u inseriti kopji fotostatiċi

tagħhom fil-proċess biex is-sekwenza tal-awtentiċita tad-dokumenti tiġi priżervata.

49. Inoltre l-appellant jilmenta mill-fatt li l-prova tal-identita ma ġietx miġjuba f'dan il-każ. Biss ladarba l-kopji tas-sentenzi eżebiti qegħdin jitqiesu bħala ammissibbli għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tistabbilixxi l-identiċita tal-identita tal-imputat billi tqabbel il-konnotati tal-imputat ma' dawk misjuba fis-sentenzi imsemmija. Din hija prova biżżejjed soda biex torbot lill-appellant mal-imputat imsemmi f'dawk is-sentenzi.

50. Biss f'dan il-każ hija nieqsa l-prova li s-sentenza kienet ġiet skontata jew maħfura għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Nieqsa wkoll hija l-prova li s-sentenzi in kwistjoni huma *res iudicata*.

51. Is-sentenzi eżebiti ingħataw fis-sena 2004. Bis-sentenza datata 21 ta' Jannar 2004, l-appellant ġie liberat b'kundizzjoni ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Bis-saħħa tal-artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din id-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar reat li dwaru saret din il-liberazzjoni kondizzjonata għandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun għajr ħlief għall-finijiet tal-proċeduri li fihom issir dik l-ordni jew kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjoni tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk din is-sentenza ma tistax titqies bħala kundanna għal fini tar-reċidiva.

52. Mill-banda l-oħra permezz tas-sentenza datata t-18 ta' Ottubru 2004 l-appellant ġie kundannat għal piena ta' sentenza ta' priġunerija sospiża. Għalkemm din hija meqjusa bħala kundanna anke għall-fini tar-reċidiva, madankollu tinħoloq diffikulta' oħra. Jekk b'dik is-sentenza ir-reat ikun jirriżulta li seħħ fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża, bis-saħħa tal-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali dik il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura – u mill-atti ma ġie pruvat xejn minn dan. L-anqas ma ġie pruvat jekk din is-sentenza kienetx *res iudicata* jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti.

53. Konsegwentement it-tieni aggravju jimmerita li jiġi milqugħ.

***Ikkunsidrat : -***

54. It-tielet aggravju huwa fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex isib lill-appellant ħati tal-ksur tal-*probation* u dan peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli teżebixxi kopja awtentika tas-sentenza in kwistjoni u ma ppruvatx lanqas l-identita' tal-appellant dwar l-istess. Di piu ma kienx hemm ksur ta' *probation* iżda semmai ksur ta' liberta' kundizzjonata. Kwindi ma rriżultax kif indikat fl-akkuża, illi hu kiser *probation* u b'hekk kellu joħroġ illiberat minnha wkoll. Ma kienx hemm l-ebda korrezzjoni f'dan ir-rigward lanqas da parti tal-prosekuzzjoni.

55.Il-ġurisprudenza patrija tgħallem li sabiex din l-imputazzjoni tirnexxi l-Prosekuzzjoni trid tipproduċi kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti. Referenza fil-fedina penali biss mhix biżżejjed. Din il-Qorti tirreferi għall-motivazzjonijiet tagħha dwar l-ammissibbilita tal-kopja f'dan il-każ imsemmija aktar il-fuq. Meta jkun hemm ordni ta' *probation* u l-imputazzjoni tkun bażata fuq ksur ta' xi kundizzjoni f'din l-ordni tal-probation tkun meħtieġa wkoll kopja awtentika tad-digriet li fiha tali kondizzjoni tkun tinstab – għax altrimenti ma jistax jiġi integrat ksur ta' kundizzjoni li l-Qorti ma jkollhiex prova tagħha.

56. Hemm bżonn li tkun ippruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun imsemmija fis-sentenza preżentata bi prova fit-tieni proċess; u dan jista' jsir billi jixhed l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża deċiża, jew billi jkun hemm preżentata kopja jew in-numru tal-karta tal-identita, jew dokument uffiċjali ieħor li minnu tista' tiġi stabbilita l-identita tal-ġudikabbli u li jkun jaqbel, jew ikun hemm dokumenti meħuda mill-proċess oriġinali bħal ċertifikat tat-twelid li juru l-konnotati identiċi tal-persuna ġudikata ma dik imputata.

57.F'kull każ trid tinġieb prova li s-sentenza eżebita fit-tieni proċess kienet saret *res iudicata* – jew ma sarx appell jew l-appell ġie deċiż jew mar deżert. Altrimenti jekk is-sentenza ma tkunx finali ma jistax jingħad li r-reat ikun sar waqt il-perjodu ta' sentenza ta' *probation* eċċ li tkun għadha mhix ċerta fil-perjodu meta jkun ġie

mwettaq ir-reat. F'dan il-każ din il-prova ma nġabitx u b'hekk ma ġiex soddisfatt dan ir-rekwiżit.

58. It-tielet aggravju għalhekk jimmerita li jiġi milqugħ.

*Ikkunsidrat : -*

59. Ir-raba' aggravju jitratta l-fatt li l-ksur tas-sentenza sospiża ma setgħax jitqies integrat minħabba nuqqas ta' eżebizzjoni ta' kopja awtentika tas-sentenza u nuqqas tal-prova tal-identita'. Di piu' r-reat allegatament kommess sar qabel is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2004 fejn ingħata s-sentenza sospiża u kwindi mhux matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

60. Eżami tal-ġurisprudenza dwar din il-materja juri li biex din l-imputazzjoni tiġi meqjusa integrata jeħtieġ lill-Prosekuzzjoni li tippreżenta kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti. Il-fedina penali mhix biżżejjed għal dan il-għan. Għal darb'oħra l-Qorti tirrferi għall-konsiderazzjonijiet magħmula aktar il-fuq rigward dan il-punt f'dan il-każ.

61. Hemm ukoll bżonn li tkun ippruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun imsemmija fis-sentenza preżentata bi prova fit-tieni proċess u dan jista' jsir billi jixhed l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża deċiża, jew billi jkun hemm preżentata kopja jew in-numru tal-karta tal-identita, jew dokument uffiċjali ieħor li

minnu tista' tiġi stabbilita l-identita tal-ġudikabbli u li jkun jaqbel, jew ikun hemm dokumenti meħuda mill-proċess oriġinali bħal ċertifikat tat-twelid li juru l-konnotati identiċi tal-persuna ġudikata ma dik imputata.

62. F'kull każ trid tinġieb prova li s-sentenza eżebita fit-tieni proċess kienet saret *res iudicata* – jew ma sarx appell jew l-appell ġie deċiż jew mar deżert. Altrimenti jekk is-sentenza ma tkunx finali ma jistax jingħad li r-reat ikun sar waqt il-perjodu ta' sentenza ta' priġunerija sospiża li tkun għadha mhix ċerta fil-perjodu meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Illi din il-prova ma ġiex miġjuba f'dan il-każ u b'hekk mhux possibbli li din il-Qorti tgħid jekk dik is-sentenza kienetx finali kontra l-appellant meta ingħatat. Apparti minn hekk ir-reat tal-użura f'dan il-każ jirriżulta li kien seħħ qabel l-għoti tas-sentenza ta' priġunerija sospiża de quo – għalkemm ir-reat ta' biża ta' vjolenza seħħ waqt il-perjodu rilevanti.

63. Biss għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

***Ikkunsidrat : -***

64. F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal

dik il-piena, fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

65. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

66.Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

67. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll,

skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

68. Illi l-piena għar-reat tal-użurija jammonta għall-priġunerija ta' mhux aktar minn 18-il xahar u għall-multa ta' bejn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60).

69. Illi l-piena applikabbli għar-reat ta' biża ta' vjolenza, fiż-żmien meta seħħ ir-reat kienet dik ta' priġunerija li tvarja bejn it-tliet xhur u s-sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux izjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

70. Illi din il-Qorti ħadet qies tal-fedina penali tal-appellant li hija waħda li testendi fuq medda ta' snin, fejn jidher illi l-aħħar kundanna li ngħatat titratta reat bi ksur tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u reati ta' natura kontravenzjonali, kommessi anke fis-sena 2014 u ċioe waqt illi l-appellant kien għadu qed jaffaċċja dawn il-proċeduri. Jidher illi l-bqija tas-sentenzi mogħtija kontra tiegħu jittrattaw l-inosservanza ta' kundizzjonijiet ta' diversi regolamenti u dan apparti però, akkużi ta' serq u riċetazzjoni u theddid fil-konfront ta' uffiċjali pubbliċi li huma datati qabel dan il-każ. Matul

il-kontinwita' tar-reat mertu ta' dan il-każ jirriżulta li l-appellant kellu kundanni relatati mal-kaċċa u kontravvenzjonijiet.

71. Mistqarr dan kollu, din il-Qorti tqis li l-piena karċerarja hija dik li l-appellant jimmerita f'dan il-każ. Mill-banda l-oħra ma tistax tinjora l-fatt li dan il-każ issa ilu għaddej sa mit-3 t'Ottubru 2006 u dan it-tul taż-żmien kellu l-kontribut ta' diversi fatturi magħquda flimkien, f'xi okkażjonijiet ukoll tal-appellant. Din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni dan il-fatt fis-sentenza tagħha.

# *Decide*

Għal dawn il-motivi dil-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Emanuel ELLUL in parti fejn :

(a) tikkonferma l-ħtija tal-appellant fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni;

(b) tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u b'hekk minnhom tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza dwarhom;

(c) tirriforma l-piena mogħtija fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tal-ewwel u t-tieni imputazzjonjiet billi tikkonferma l-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija li iżda bis-saħħa ta' din is-sentenza, ai termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li dis-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien erba' snin millum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Il-Qorti qiegħda wkoll tagħti spjegazzjoni tal-import

ta' din is-sentenza u qed tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

(d) Tirriforma l-piena tal-multa inflitta billi tirriduċiha għas-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) b'dan li għandha titħallas f'perjodu massimu ta' tliet snin skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***